MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 156/2001/1

**Paul Gatt**

**vs**

**Nathalie Gatt**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fit-tmintax (18) ta' April elf disa' mija u tlieta u disghin (1993).

Illi l-kunsens ta' l-attur ghaz-zwieg imsemmi nkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg ma kienx hieles u ttiehed bi pressjoni morali da parti ta' familjari;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-18 ta' April 1993 fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbali tal-24 ta' Settembru 2001; tat-22 ta' Novembru 2001; tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tas-16 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-1 ta' Lulju 2002 a fol. 16 fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-konvenuta taqbel li z-zwieg bejnha u bejn l-attur ghandu jigi dikjarat null, u dan bl-ispejjez kontra l-istess attur, izda mhux ghar-ragunijiet imsemmija mill-attur.

(2) Illi huwa minnu li l-kontendenti zzewgu fit-18 t'April 1993, u dan meta l-konvenuta kien ghad ghandha biss sbatax-il sena.

(3) Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll il-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat il-verbali tat-30 t'Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed; u tal-5 ta' Frar 2003.

Rat in-noti tal-konvenuta wahda datata 6 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavits ta' Paul Gatt u ta' Rose M. Gatt, u l-ohra tal-5 ta' Mejju 2003 fejn biha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2003 fejn Dr. Ilona Debono ghall-attur iddikjarat li m'ghandhiex provi aktar u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum 27 ta' Jannar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur permezz tal-procedura affidavit sostna illi:-

*"Nghid li jiena u Nathalie, l-konvenuta, izzewwigna fl-1993. Meta ltqajt ma' Nathalie, hi kellha erbatax-il (14) sena filwaqt li jiena kelli wiehed u ghoxrin (21) sena. Jiena kont ghadni nahdem f'hanut tad-deheb, proprjeta' tal-familja tieghi, li jinsab il-Belt Valletta u l-konvenuta kienet tigi tixtri minghandna. Niftakar li f'okkazjoni minnhom waqt*

*li l-konvenuta kienet fil-hanut ommi kienet qaltli "ara kemm hi helwa din it-tfajla" u ommi stess talbitha t-telephone number u wara jiena kont cempiltilha. Il-konvenuta kienet accettat Ii tohrog mieghi u fil-fatt hekk ghamilna. Ftit jiem wara li bdejna nohorgu flimkien il-familja taghha dahhluni d-dar taghhom. Niftakar Ii meta kont mort ghaliha d-dar taghha, iz-Zurrieq, kien hemm ommha fil-bieb u qaltli biex nidhol. Wara xi gimgha biss nohorgu flimkien missierha kien gie jara l-hanut tal-familja tieghi.*

*Nghid qisu milI-ewwel bdiet is-serjeta' bejnietna u dan bla ma kien hemm zmien bizzejjed biex nsiru nafu lil xulxin. Waqt l-gherusija jiena kont immur ghaliha d-dar tal-genituri taghha u kont nibqa' ghandhom ghax tal-familja taghha kienu jghiduli biex nibqghu hemm u ma nohorgux wehedna. Waqt l-gherusija ftit li xejn konna nkunu wahedna ghax dejjem kien ikun hemrn tal-familja taghha maghna. Fil-fatt konna nohorgu wahedna fil-'weekend' biss.*

*Jiena u l-konvenuta domna nohorgu flimkien xi sentejn u nofs qabel ma zzewwigna. Meta zzewwigna hi kellha hiss sbatax-il sena u biex stajna nizzewgu missierha kellu jiffirmalha l-Kurja. Nghid Ii Nathalie hi tfajla helwa hafna u jiena kont superficjali fir-relazzjoni Ii kelli maghha. Kont nghid Ii kelli wahda helwa mieghi u daqshekk. Lanqas qabel iz-zwieg jiena ma kellix dik il-gibda lejha, u kont inhoss Ii mhux se nibqa' maghha ghal dejjem. Qabel ma zzewwigna ma konniex niddiskutu fuq l-istat Ii se nidhlu ghalih, qatt ma ddiskutejna fuq tfal jew fuq il-finanzi.*

*Nghid Ii meta ltajt maghha Nathalie kienet ghadha l-iskola pero' hi kienet harget mill-iskola xi sena qabel biex tkun tista' tahdem fil-hanut tal-familja tieghi.*

*Nathalie kienet tghix iz-Zurrieq u l-genituri taghha kellhom mentalita' maghluqa hafna. Kien mohhhom f'dak li jaghmlu n-nies u biex ikollhom il-flus. F'diversi okkazjonijiet missierha qallha quddiemi stess biex tigdeb kemm tista' ghax hekk biss tista' tghaddi fil-hajja.*

*Madwar sena u nofs nohorgu flimkien konna wasalna ghad-decizjoni biex nizzewgu. Wasalna ghal din id-decizjoni tista' tghid bhal drawwa. Missierha minn dejjem ried izewwigna. Nghid ukoll li qatt ma kien hemm oppozizzjoni min-naha tal-genituri taghha minkejja li hi kienet ta' eta' tenera hafna. Ommha kienet taqbez ghal bintha hafna u sahansitra meta Nathalie kien ikollha xi tghid ma' missierha, l-omm kienet izzomm ma' bintha. Nathalie ma kenitx tifla unika, kellha hutha ohra li kienu msiefrin l-Awstralja u hi kienet ghadha tghix mal-genituri taghha hawn Malta flimkien ma huha akbar minnha. Hi kienet l-izghar fost l-ahwa u kienet mfissda hafna.*

*Meta ddecidejna li nizzewgu ahna konna diga' nafu fejn ser noqoghdu peress li l-genituri tieghi kienu marru joqoghdu f'dar gdida u meta zzewwigna ahna morna noqoghdu fid-dar l-antika proprjeta' tal-genituri tieghi. Ghaldaqstant ma kellniex il-problema li ma kellniex fejn noqoghdu kif nizzewgu. Biex nirrangaw ghat-tieg konna nkunu flimkien imma ommi dejjem kienet tigi maghna.*

*Il-konvenuta ma tantx kellha hbieb u kienet possessiva hafna fil-konfront tieghi tant li lanqas kienet thallini mmur il-'gym' jew il-'ground'.*

*Waqt l-gherusija konna sikwit niggieldu peress li hi ghandha natura possessiva hafna u tkun trid li dejjem tghaddi taghha. Konna niggieldu ta' sikwit, madwar darba fil-gimgha. Nghid li sahansitra konna niggieldu quddiem il-genituri taghha li f'diversi okkazjonijiet kienu jaqblu mieghi. Nghid li xi sena qabel ma zzewwigna kont iddecidejt li nhassar l-gherusija minhabba ncident partikolari. Kien gara li kien hemm xi erba' (4) guvintur li kienu joqoghdu hdejn id-dar taghha u kienu jikkummentaw meta mmur ghaliha. Jiena deherli li kienet taghthom l-ghala peress li dahqitilhom u jiena kont hadtha bi kbira hafna. Xi gurnata wara kont cempiltilha u konna rgajna rrangajna.*

*Il-konvenuta kienet tghidli li hi 'hyper-active' bhal ohtha. Kien jitlaghlha malajr u kienet issir vjolenti. Fil-fatt mhux l-ewwel darba li refghet idejha fuqi. F'okkazjoni minnhom*

*harqitli jdejja bil-hadida tal-mghodija bir-rabja li kellha. Darba ohra laqtitli subghajja b'sikkina bir-rabja u darba ohra kienet tefghetli zarbuna u laqtghet il-bieb illi kien warajja u bis-sahha kisret il-bieb. Din il-vjolenza sehhet wara z-zwieg. Dan kien jigri meta konna nargumentaw. Kien jitlaghlha malajr hafna u taqbad dak li jigi ghal idejha u thebb ghalija.*

*Nghid li l-konvenuta ma tantx kienet taqbel ma' missieri. Missieri hu bniedem dixxiplinat hafna fix-xnghol u hi kienet tippretendi li tikkmandah hi, u kien inqala' l-glied bejniethom b'konsegwenza li missieri kien kecciha mix-xoghol u hi bdiet tahdem f'hanut tal-hwejjeg, u minn hemm beda l-inkwiet. Ghalkemm jiena ma xtaqtx li hi tahdem wara z-zwieg, missierha kien jghidilha biex tmur tahdem u hi kienet semghet minnu.*

*Nghid li l-genituri taghha, minn dejjem kienu jindahlu bejnietna kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg. Kien mohhhom biss fil-flus, u meta kienu jimponu fuqi biex ma nohorgux nieklu, ma kienux jaghmlu hekk ghall-kumpanija imma biex ma nonfqux.*

*It-tifla taghna, Elena, twieldet fl-1994 u Nathalie bdiet tahdem fil-hanut tal-hwejjeg fil-1998. Meta bdiet tahdem fil-hanut tal-hwejjeg kienet iggib habiba separata minn marragel id-dar u jien ma kellix pjacir biha. Sahansitra, ommi stess kienet tghidilha li mhux xieraq li ggib illi din il-habiba d-dar. Gieli kienu johorgu tax-xoghol, u jiena kont noqghod id-dar bit-tifla. Meta kienet tohrog mal-hbieb hi kienet tigi d-dar f'xi l-erbgha jew il-hamsa ta' fil-ghodu.*

*Nathalie kienet konxja tal-fatt li kienet helwa u f'okkazjoni minnhom kont qbadtha ccempel lil wiehed ragel ta' nazzjonalita' spanjola li kien maghruf li kien sinjur hafna. Dan ir-ragel kien qed igennina li jixtrilha villa bil-'pool'. Kont ukoll ndunajt li meta konna nohorgu flimkien fiz-zmien qasir bejn li nwassalha d-dar, indahhal il-karozza fil-'garage' u mmur lura d-dar kienet iccempel, tghasses ghalija u kif nasal taqta' t-'telephone'. Il-konvenuta kienet ammettiet mieghi li kienet iccempillu lil dan ir-ragel. Tax-xoghol taghha kienu jafu b'dan ir-ragel u sid il-hanut*

*kemm-il darba keccih ’il barra mill-hanut. F’dan il-hanut fejn kienet tahdem kienet gelldet lil kulhadd. Il-konvenuta mhix kapaci zzomm ‘job’ ghal zmien twil. Kienet thobb turi wicc b’iehor, per ezempju ccempel suppost habiba kbira taghha, fuq it-telefon tghidilha “qalbi” u wara tghid kontriha.*

*Nghid li jiena kont mort ghand ta’ Kana biex niehu parir u l-‘councellor’ kien tani l-parir li nohodha bil-hlewwa. Il-konvenuta kienet marret hi wkoll ghand il-‘councellor’ ta’ Kana u meta harget mill-ufficcju tieghu lili qaitli li ta’ Kana qalilha biex taghzel lil min hu l-ahjar. Konna ghamilna xi xahar jew tnejn nipprovaw nirrangaw, kont nghinha aktar fil-facendi u konna nohorgu kuljum. Wara li ghaddew xi xahrejn, waqt li kont qed inraqqad lit-tifla f’xi l-hdax ta’ fil-ghaxija l-konvenuta qaltli li sejra tonxor fuq il-bejt u jien indunajt li kienet qed icempel mit-telefon l-iehor. Tlajt nigri fuq u smajtha tkellem lil wiehed ragel u kif ratni gej, qatghatlu u hi qaltli “miskin kif qtajtlu” u minn hemm irrealizzajt li kien spicca kollox. Ftit zmien wara kont ircevejt ittra minghand l-avukat taghha biex tissepara. Lill--hbieb kienet qaltilhom li riedet tissepara biex tkun tista’ tgawdi.*

*Il-konvenuta dejjem tghid li kienet mgieghla mill-familja taghha biex tizzewweg. Il-konvenuta kienet qalti li hi kienet imdejqa d-dar ghax ma kienux ihalluha tmur fejn trid. Riedet tinqata’ mill-ambjent tad-dar taghha u sabiex tirnexxi kienet qed tghaggel biex tizzewweg. Missierha kien strett hafna u lilha kien izommilha hafna.*

*Nghid li qabel ma ltaqghet mieghi l-konvenuta ma kenitx tohrog mal-hbieb u jiena kont l-ewwel ‘boyfriend’ serju li kellha. Qabel ma ltqajt ma’ Nathalie jiena kelli relazzjonijiet ma’ tfajliet ohra. Inzid nghid li qabel ma ltqajt ma’ Nathalie jiena kelli relazzjoni ma’ tfajla ohra li damet tliet (3) snin”.*

Illi min-naha taghha l-**konvenuta** wkoll permezz tal-affidavit:-

*"Jiena u Paul konna ltqajna l-hanut tal-familja tieghu "Ave Maria" l-Belt Valletta, fejn jiena kont qeghda ma' ommi u ohti. Dak iz-zmien jiena kelli biss erbatax-il sena u kont ghadni l-iskola u Paul kellu wiehed u ghoxrin sena. Hemmhekk kienet ratni ommu Rose Gatt u hajritu biex johrog mieghi. Paul kien cempilli l-ghada stess u minn dak iz-zmien bdejna nohorgu flimkien. Dak iz-zmien jiena kont nahsibha ta' tifla u kollox bdejt nara sabih.*

*Wara l-iskola jiena kont nibqa' sejra direttament ghandu l-hanut. F'dak il-perjodu jiena kelli anke xi ezamijiet li kont hallast ghalihom izda Paul kien heggigni biex ma naghmilhomx ghax fil-futur riedni nahdem mieghu biss u ghalhekk ma kellix bzonnhom.*

*Jiena tlaqt mill-iskola qabel ma spiccajt il-'Form 4' u kont immur nghin lil Paul fil-hanut tal-familja tieghu. Qabel ma ltqajt ma' Paul nista' nghid li jiena kelli hafna hbieb izda minn mindu bdejt ir-relazzjoni mieghu jiena ma stajtx nibqa' nzomm il-hbieb tieghi. Paul kien bniedem possessiv u kien iridni biss ghalih u lanqas kien ihallini nsellem lil hadd. Barra minn hekk huwa kien jghir ghalija u ma kienx ihallini libera u huwa ta' spiss kien jaqla' l-glied fuq ix-xejn. Ghaldaqstant huwa kien imur il-'gym' u jiffrekwenta l-kazini u anke l-'ground' tal-'football' kull gimgha u jiena da parti tieghi qatt ma ghidtlu xejn.*

*Ftit qabel it-tieg jiena u Paul konna ggilidna minhabba xenata ta' ghira li kien ghamel Paul fil-konfront tieghi. Jiena kont hassart ghax ma flahtx aktar ghal dak kollu li kont qed nghaddi minnu ma' Paul. Izda huwa kien cempilli jibki u jghidli li ha jinbidel. Huwa kien insista li ma nhassru xejn peress illi kellna kollox ordnat ghat-tieg.*

*Wara xi sentejn u nofs gherusija jiena u Paul izzewwigna. Ghal kuntrarju li kien weghdni Paul huwa ma nbidel xejn. Ommu stess kienet tghidli li Paul kien ser jinbidel malli nizzewgu peress illi r-ragel taghha hekk kien jaghmlilha. Fil-fatt ommu kienet theggigni biex ikolli 'baby' ghax wara Paul kien ser jinbidel zgur.*

*Wara sena, jigifieri meta jiena kelli dsatax-il sena, kellna lil Elena. Meta kellna t-tifla s-sitwazzjoni ggravat.*

*Meta Elena kellha xi sentejn u nofs jiena kont xtaqt li mmur l-Awstralja ma' ommi biex nghammed l-ewwel 'baby boy' ta' hija li kien jghix hemmhekk. Huwa qatt ma ried li jiena mmur l-Awstralja peress li ommu kienet dejjem tghidlu kontra l-Awstralja. Ghalhekk Paul kien ghamel minn kollox biex jiena ma mmurx u sahansitra kien harigni tqila. Kif sar jaf li jiena 'pregnant' huwa kien hbieli c-curkett ta' l-'engagement' li jiswa' madwar Lm4,000 li kien tani hu stess. Jiena ppanikjajt hafna u ghaddejt minn zmien ikrah hafna u hu xorta wahda ma kien qalli xejn. Jiena f'dan iz-zmien kont waqajt f' depression u spiccajt biex anke tlift il-'baby' minhabba l-inkwiet tieghu.*

*Minn wara dan l-incident jiena ma stajtx nibqa' nghix f'din is-sitwazzjoni hekk gravi mieghu. Kont inhossni qisni qed nghix go xi habs. Wara li jiena kont ghidt lil Paul li jiena ma stajtx nibqa' nghix f'din is-sitwazzjoni huwa kien accetta li nohrog nahdem.*

*Is-sitwazzjoni ta' bejnietna xorta wahda baqghet sejra ghall-aghar u wasalna biex ghamilna separazzjoni bonarja fis-7 ta' Lulju 2000."*

Illi minbarra dan giet prodotta wkoll ix-xhieda ta' **Rose M. Gatt,** omm l-attur, permezz tal-affidavit taghha tad-29 ta' Novembru 2001.

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attur ppremetta illi b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress li l-kunsens ta' wahda u/jew l-iehor mill-partijiet ghall-istess kuntratt kien vizzjat ghal diversi ragunijiet previsti mill-**artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u precizament ghal dak li hemm indikat **fis-subincizi (a), (c) u (d) tal-Artikolu 19 (1) tal-istess Kap 255.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) (c) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1*)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(a)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'"';*

***(c)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga";*

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim' Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), il-Qorti qalet illi *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also*

*to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn***, u **Brown R.** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian sive Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu".*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium".*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (F.D. – 16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse".*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) – 28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun*

*kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Illi l-kaz u t-talbiet attrici ser jigu issa ezaminati fuq il-premessa bbazata fuq id-dispozizzjonijiet tal**-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** u cjoe' jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Canone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la particella ex*

*vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attur isemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col*

*matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

**(iii) Aprrezzament tal-provi.**

Illi mill-provi prodotti jidher car li l-partjiet fil-mument taz-zwieg kienu affetti b'difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u dan peress li l-konvenuta, ghalkemm legalment kellha l-eta' sabiex tizzewweg, kienet fil-fatt zghira wisq u allura mmatura ghall-ahhar sabiex taghmel dan il-pass hekk importanti fil-hajja taghha, u jidher car li ma kellha l-ebda ideja xi jfisser tghix ma' persuna ohra, ahseb u ara f'relazzjoni ma' membru tas-sess oppost f'ghaqda ta' zwieg.

Illi fil-fatt dak li jidher li ddetermina l-kunsens tal-konvenuta kien il-fatt li hija bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha biss (14) erbatax-il sena, u fil-fatt kienet ghadha l-iskola. L-attur kellu gja' wiehed u ghoxrin (21) sena meta beda johorg mal-konvenuta. Il-konvenuta harget mill-iskola sabiex tahdem mal-attur, li ma jidhirx li lanqas biss stenna sabiex din tispicca s-sekondarja, u wara dan kollu zzewgu meta l-konvenuta kellha biss (17) sbatax-il sena. Madanakollu jidher car li r-relazzjoni taghha mal-attur kienet kollha mibnija fuq ir-ramel, peress li kemm hija u kemm l-attur baqghu jaghmlu riferenza u

jiddeciedu l-affarijiet taghhom fuq dawk li kienu jghidulhom il-genituri rispettivi taghhom. Dan jidher car mix-xhieda tal-partijiet li ma jifqux jaghmlu riferenza ghall-genituri tal-parti l-ohra.

Illi jidher car ukoll li l-attur ukoll kellu l-istess difett fil-kunsens tieghu u jidher li kien jiddeciedi x'jaghmel anke fuq dak li tghidlu partikolarment ommu, fejn kienet anke hija li hajjritu sabiex jibda johrog mal-konvenuta. Fil-fatt jidher li mbaghad dahlu fix-xena l-genituri tal-konvenuta, u skond l-attur anke dawn bdew jimponu fuqhom.

Illi fil-fatt huwa sintomu ta' din ir-relazzjoni li jidher li l-partijiet iwahhlu jew jippruvaw iwahhlu f'kollox u f'kulhadd barra fihom infushom, u hawn tidher cara n-nuqqas ta' maturita' gravi ta' kull parti f'din il-kawza, li jidher li biex jiehdu decizjoni jrid ikun hemm il-kunsens ta' xi hadd sabiex jaghmlu pass. Min-naha l-ohra jekk l-affarijiet ma jigux sew allura dlonk iwahhlu f'min kienu kkonsultaw mieghu, qiesu d-decizjoni mhux huma haduha.

Illi in verita' dak li thoss din il-Qorti li gara f'din ir-relazzjoni kien sempliciment li f'dak iz-zmien il-partijiet qatt ma kienu ppreparati sabiex jizzewgu lil xulxin, u lanqas biss kellhom idea tal-karattru ta' xulxin u l-kuncett ta' komunjoni ta' mhabba tant necessarja u essenzjali sabiex ikun hemm zwieg validu. Huma jidher li ddecidew li jizzewgu *stante* li kienu hasbu li peress li l-konvenuta kienet tant zghira fl-eta', huma kienu ser ikunu izjed liberi sabiex jghixu kif kull wiehed minnhom xtaq, u wkoll ghaliex jidher li hekk xtaqu l-genituri taghhom.

Illi certament dan kollu ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kuncett u s-sinifikat taz-zwieg, u allura ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti li l-kunsens ta' kull parti f'din il-kawza kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha, anzi din il-Qorti thoss li fil-mument taz-zwieg kull parti lanqas kienet taf li dan jezisti.

Il-komportament ta' kull parti wara z-zwieg jikkonferma dan kollu ghaliex jidher li kull parti fittxet biss dak li kien joghgob lilha, u xejn izjed. Fil-fatt l-istess konjugi qatt ma resqu lejn xulxin, b'dan li maz-zmien indunaw li huma kienu biss estraneji ghal xulxin izda baqghu jghixu taht l-istess saqaf, tant li sseparaw ukoll fis-7 ta' Lulju 2000.

Illi ghalhekk dan iz-zwieg ghandu jigi ddkjarat nullu bla effett *stante* li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijet u dmirijiet essenzjali taghha u ghalhekk dan iz-zwieg huwa null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi min-naha l-ohra l-**artikolu 19 (1) (a) u (c)** iccitati mill-attur in sostenn tat-tezi tieghu ma jirrizultax li japplikaw ghall-kaz in ezami.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' *in parte* it-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-18 ta' April 1993 huwa null u bla effett abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partjiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------